DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2012/49/UE

tal-10 ta' Diċembru 2012

li temenda l-Anness II għad-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE [1], u b'mod partikolari l-ewwel sentenza tal-Artikolu 20 (1) l-ewwel subparagrafu tagħha,

Billi:

(1) Wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2006/87/KE, kienu miftiehma emendi għar-Regolament tal-Ispezzjoni ta' Bastimenti tar-Rhine skont l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Rhine.

(2) Għandu jiġi żgurat li ċ-ċertifikat tan-navigazzjoni interna tal-Komunità u ċ-ċertifikat tal-bastimenti kkonsenjat skont l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Rhine jinħarġu abbażi ta' rekwiżiti tekniċi li jiggarantixxu livell ekwivalenti ta' sikurezza.

(3) Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni kif ukoll livelli differenti ta' sikurezza, l-emendi għad-Direttiva 2006/87/KE għandhom jidħlu fis-seħħ kemm jista' jkun malajr.

(4) Għalhekk id-Direttiva 2006/87/KE għandha tiġi emendata.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-boatmasters nazzjonali għat-trasportazzjoni ta' merkanzija u ta' passiġġieri permezz ta' passaġġi interni tal-ilma [2],

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2006/87/KE hija emendata skont l-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri li għandhom passaġġi fuq l-ilma interni kif imsemmija fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/87/KE għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2013. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir din ir-referenza.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjal tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri li għandhom passaġġi fuq l-ilma interni kif imsemmija fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/87/KE.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1.
[2] ĠU L 373, 31.12.1991, p. 29.

ANNESS

L-Anness II għad-Direttiva 2006/87/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Il-werrej huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-Kapitolu 14a li ġej:

"KAPITOLU 14a

IMPJANTI TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ ABBORD GĦALL-BASTIMENTI TAL-PASSIĠĠIERI

Artikolu 14a.01 — Definizzjonijiet

Artikolu 14a.02 — Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 14a.03 — Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip

Artikolu 14a.04 — Proċedura tal-approvazzjoni tat-tip

Artikolu 14a.05 — Emenda tal-approvazzjonijiet tat-tip

Artikolu 14a.06 — Konformità

Artikolu 14a.07 — Aċċettazzjoni ta' approvazzjonijiet ekwivalenti

Artikolu 14a.08 — Iċċekkjar tan-numri tas-serje

Artikolu 14a.09 — Konformità tal-produzzjoni

Artikolu 14a.10 — Nuqqas ta' konformità ma' tip approvat ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord

Artikolu 14a.11 — Kejl ta' kampjun aleatorju/Test speċjali

Artikolu 14a.12 — Awtoritajiet kompetenti u servizzi tekniċi";

(b) jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

"Appendiċi VI — Impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord — Dispożizzjonijiet supplimentari u mudelli taċ-ċertifikati

Appendiċi VII — Impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord — Proċedura tat-test";

(2) Jiddaħħal il-Kapitolu 14a li ġej:

"KAPITOLU 14A

IMPJANTI TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ ABBORD BASTIMENTI TAL-PASSIĠĠIERI

Artikolu 14a.01

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

1. 'impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord' tfisser impjant kompatt għat-trattament tad-drenaġġ biex jiġu ttrattati l-kwantitajiet ta' drenaġġ domestiku li jakkumula abbord;

2. 'approvazzjoni tat-tip' tfisser id-deċiżjoni li biha l-awtorità kompetenti tikkonferma li impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi ta' dan il-Kapitolu;

3. 'test speċjali' tfisser il-proċedura mwettqa skont l-Artikolu 14a.11 li biha l-awtorità kompetenti tiżgura li l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord imħaddem fuq bastiment jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu;

4. 'manifattur' tfisser il-persuna jew korp responsabbli lejn l-awtorità kompetenti għall-aspetti kollha tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip u biex tiżgura l-konformità tal-produzzjoni. Din il-persuna jew dan il-korp ma għandhomx għalfejn ikunu involuti fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord. Jekk l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord jiġi konvertit permezz ta' modifiki jew modernizzar wara l-manifattura oriġinali tiegħu sabiex jintuża fuq bastiment għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, il-persuna jew il-korp li jkunu wettqu l-modifiki jew l-immodernizzar jitqiesu bħala l-manifattur;

5. 'dokument ta' informazzjoni' tfisser id-dokument stipulat fl-Appendiċi VI, Parti II li jelenka l-informazzjoni li għandha tingħata minn applikant;

6. 'fajl ta' informazzjoni' tfisser is-sett komplut ta' dejta, tpinġijiet, ritratti jew dokumenti oħra pprovduti mill-applikant lis-servizz tekniku jew lill-awtorità kompetenti kif preskritt fid-dokument ta' informazzjoni;

7. 'pakkett ta' informazzjoni' tfisser il-fajl ta' informazzjoni flimkien ma' kwalunkwe rapport dwar test jew dokumenti oħra li s-servizz tekniku jew l-awtorità kompetenti jkunu żiedu mal-fajl ta' informazzjoni waqt id-doveri tagħhom;

8. 'ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip' tfisser id-dokument imfassal skont l-Appendiċi VI, Parti III li bih l-awtorità kompetenti tiċċertifika l-approvazzjoni tat-tip;

9. 'rekord tal-parametri tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord' tfisser id-dokument imfassal skont l-Appendiċi VI, Parti VIII li jirreġistra l-parametri kollha, inklużi l-komponenti ta' u l-aġġustamenti fl-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jkollhom effett fuq il-livell ta' trattament tad-drenaġġ, inklużi l-modifiki fih;

10. 'gwida tal-manifattur għall-iċċekkjar tal-komponenti u l-parametri rilevanti għat-trattament tad-drenaġġ' tfisser id-dokument kompilat skont l-Artikolu 14a.11(4) sabiex jiġi implimentat it-test speċjali;

11. 'drenaġġ domestiku' tfisser drenaġġ minn kċejjen, kmamar tal-ikel, kmamar tal-ħasil u tal-ħasil tal-ħwejjeġ u ilma tad-drenaġġ;

12. 'ħama tad-drenaġġ' tfisser residwi li jakkumulaw mit-tħaddim ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord bastiment.

Artikolu 14a.02

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-impjanti kollha tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jkunu installati fuq bastimenti tal-passiġġieri.

2. (a) L-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord għandhom jikkonformaw mal-valuri tal-limitu stipulati fit-Tabella 1 waqt it-test tat-tip.

Tabella 1

Valuri tal-limitu li għandhom jiġu osservati fit-tħaddim waqt il-ħruġ tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord (impjant tat-test) waqt it-test tat-tip

Parametru	konċentrazzjoni	Kampjun
Domanda bijokimika għall-ossiġnu (BOD_5) ISO 5815-1 u 5815-2 (2003) (1)	20 mg/l	Kampjun kompost ta' 24 siegħa, omoġenizzat
	25 mg/l	Kampjun aleatorju, omoġenizzat
Domanda kimika għall-ossiġnu (COD) (2) ISO 6060 (1989) (1)	100 mg/l	Kampjun kompost ta' 24 siegħa, omoġenizzat
	125 mg/l	Kampjun aleatorju, omoġenizzat
Karbonju organiku totali (TOC) EN 1484 (1997) (1)	35 mg/l	Kampjun kompost ta' 24 siegħa, omoġenizzat
	45 mg/l	Kampjun aleatorju, omoġenizzat

(1) L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw proċeduri ekwivalenti
(2) Minflok id-domanda kimika għall-ossiġnu (COD) tista' ssir referenza wkoll għall-karbonju organiku totali (TOC) għall-verifika.

(b) Waqt it-tħaddim għandhom jiġu osservati l-valuri ta' kontroll stipulati fit-Tabella 2.

Tabella 2

Valuri ta' kontroll li għandhom jiġu osservati fil-ħruġ tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord waqt tħaddim fuq bastimenti tal-passiġġieri

Parametru	konċentrazzjoni	Kampjun
Domanda bijokimika għall-ossiġnu (BOD_5) ISO 5815-1 u 5815-2 (2003) (1)	25 mg/l	Kampjun aleatorju, omoġenizzat
Domanda kimika għall-ossiġnu (COD) (2) ISO 6060 (1989) (1)	125 mg/l	Kampjun aleatorju, omoġenizzat
	150 mg/l	Kampjun aleatorju
Karbonju organiku totali (TOC) EN 1484 (1997) (1)	45 mg/l	Kampjun aleatorju, omoġenizzat

(1) L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw proċeduri ekwivalenti
(2) Minflok id-domanda kimika għall-ossiġnu (COD) tista' ssir referenza wkoll għall-karbonju organiku totali (TOC) għall-verifika.

(c) Il-valuri rispettivi fit-Tabelli 1 u 2 ma jridux jinqabżu fil-kampjun aleatorju.

3. Mhumiex ammissibbli proċeduri li jużaw prodotti li fihom il-kloru.

Mhijiex ammissibbli wkoll id-dilwizzjoni tad-drenaġġ domestiku sabiex titnaqqas it-tagħbija speċifika u b'hekk jiġi permess ukoll ir-rimi.

4. Għandhom isiru arranġamenti adegwati għall-ħżina, il-preservazzjoni (jekk meħtieġa), u r-rimi tal-ħama tad-drenaġġ. Dan għandu jinkludi wkoll pjan ta' ġestjoni għall-ħama tad-drenaġġ.

5. Il-konformità mal-valuri tal-limitu stabbiliti fit-Tabella 1 fil-paragrafu 2 għandha tiġi kkonfermata permezz ta' test tat-tip u determinata permezz ta' approvazzjoni tat-tip. L-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi ċċertifikata f'ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip. Is-sid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jinkludi kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip mal-applikazzjoni għal spezzjoni skont l-Artikolu 2.02. Kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u r-rekord tal-parametri tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord għandhom jingarru fuq il-bastiment.

6. Wara li l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ikun ġie installat fuq il-bastiment, il-manifattur għandu jwettaq test tal-prestazzjoni qabel ma jibda s-servizz skedat. L-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord għandu jiddaħħal fil-punt 52 taċ-ċertifikat tal-bastiment bid-dettalji li ġejjin dwar l-impjant:

(a) l-isem;

(b) in-numru tal-approvazzjoni tat-tip;

(c) in-numru tas-serje;

(d) is-sena tal-kostruzzjoni.

7. Kwalunkwe modifika sinifikanti f'impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jkollha effett fuq it-trattament tad-drenaġġ għandha dejjem tiġi segwita minn test speċjali skont l-Artikolu 14a.11(3).

8. L-awtorità kompetenti tista' tagħmel użu minn servizz tekniku biex twettaq il-kompiti deskritti f'dan il-Kapitolu.

9. L-impjant tat-trattament tal-ilma tad-drenaġġ abbord għandha ssirlu manutenzjoni regolari skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur sabiex jiġi żgurat li jkun f'kundizzjoni tajba. Abbord għandu jinżamm ġurnal tal-manutenzjoni li jikkorrabora din il-manutenzjoni.

Artikolu 14a.03

Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip

1. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip għal tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord għandha tiġi sottomessa mill-manifattur lill-awtorità kompetenti. Fajl ta' informazzjoni skont l-Artikolu 14a.01(6) u l-abbozz ta' rekord tal-parametri tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord skont l-Artikolu 14a.01(9), kif ukoll l-abbozz ta' gwida tal-manifattur għall-iċċekkjar tal-komponenti u l-parametri rilevanti għat-trattament tad-drenaġġ għal dak it-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord skont l-Artikolu 14a.01(10) għandhom jiġu inklużi mal-applikazzjoni. Għat-test tat-tip, il-manifattur għandu juri prototip tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord.

2. Jekk, f'applikazzjoni partikolari għall-approvazzjoni tat-tip għal tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord, l-awtorità kompetenti ssib li l-applikazzjoni sottomessa fir-rigward tal-prototip ippreżentat tal-impjant ma tkunx rappreżentattiva tal-karatteristiċi ta' dan it-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord kif deskritt fl-Appendiċi VI, Parti II, Addendum, għandu jiġi pprovdut prototip ieħor, addizzjonali jekk ikun meħtieġ, li għandu jintgħażel mill-awtorità kompetenti, għall-approvazzjoni skont il-paragrafu 1.

3. L-ebda applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip għal tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ma tista' tiġi sottomessa lil iżjed minn awtorità kompetenti waħda. Għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni separata għal kull tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jrid jiġi approvat.

Artikolu 14a.04

Proċedura tal-approvazzjoni tat-tip

1. L-awtorità li lilha tiġi sottomessa l-applikazzjoni għandha toħroġ l-approvazzjoni tat-tip għat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jikkorrispondi mad-deskrizzjonijiet fil-fajl ta' informazzjoni u li jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu. L-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti se jiġi eżaminat skont l-Appendiċi VII.

2. Għal kull tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li tapprova, l-awtorità kompetenti għandha timla l-partijiet kollha rilevanti taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip, li mudell tiegħu jista' jinstab fl-Appendiċi VI, Parti III, u għandha tikkompila jew tivverifika l-kontenut tal-indiċi tal-pakkett ta' informazzjoni. Iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jiġu numerati skont il-metodu deskritt fl-Appendiċi VI, Parti IV. Iċ-ċertifikat mimli tal-approvazzjoni tat-tip u l-appendiċijiet tiegħu għandhom jiġu kkonsenjati lill-applikant.

3. Jekk l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord għall-approvazzjoni jkun jista' jaqdi biss il-funzjoni tiegħu jew ikollu biss proprjetajiet speċifiċi flimkien ma' komponenti oħra tal-bastiment li fih ikun se jiġi installat u jekk għal din ir-raġuni, il-konformità ma' rekwiżit wieħed jew aktar tkun tista' tiġi ċċekkjata biss jekk l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord għall-approvazzjoni jitħaddem ma' komponenti reali jew simulati oħra tal-bastiment, il-kamp ta' applikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip għal dan l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord għalhekk għandu jkun limitat. F'każijiet bħal dawn, ir-restrizzjonijiet kollha fuq l-użu u r-rekwiżiti kollha tal-istallazzjoni għandhom jiġu dettaljati fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip għal dak it-tip ta' impjant.

4. Kull awtorità kompetenti għandha tibgħat id-dokumenti li ġejjin:

(a) il-lista tat-tipi ta' impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord, inklużi d-dettalji kif stabbilit fl-Appendiċi VI, Parti V, li għalihom tkun ħarġet, ċaħdet jew irtirat l-approvazzjoni fil-perjodu inkwistjoni lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kull darba li tiġi emendata din il-lista;

(b) jekk tintalab tagħmel dan minn awtorità kompetenti oħra,

(i) kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip għat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord, b'pakkett ta' informazzjoni jew mingħajru, għal kull tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li għalih tkun ħarġet, ċaħdet jew irtirat approvazzjoni, u, jekk applikabbli,

(ii) il-lista tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jkunu ġew immanifatturati skont l-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa, kif stabbilit fl-Artikolu 14a.06(3), li fih id-dettalji skont l-Appendiċi VI, Parti VI.

5. Darba fis-sena, jew aktar meta tintalab tagħmel dan, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat lill-Kummissjoni kopja tal-iskeda tad-dejta kif murija fl-Appendiċi VI, Parti VII dwar it-tipi ta' impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord li għalihom tkun inħarġet approvazzjoni mill-aħħar notifika.

Artikolu 14a.05

Emenda tal-approvazzjonijiet tat-tip

1. L-awtorità kompetenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex tiżgura li tiġi infurmata bi kwalunkwe tibdil fit-tagħrif li jidher fil-pakkett ta' informazzjoni.

2. L-applikazzjoni għall-emenda jew għall-estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip għandha ssir esklussivament lill-awtorità kompetenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip oriġinali.

3. Jekk il-karatteristiċi tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord kif deskritti fil-pakkett ta' informazzjoni jkunu ġew modifikati, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) toħroġ paġni riveduti tal-pakkett ta' informazzjoni kif meħtieġ, billi timmarka kull paġna riveduta biex turi b'mod ċar in-natura tat-tibdil u d-data tal-ħruġ mill-ġdid. Kull meta jinħarġu paġni riveduti, għandu jiġi aġġornat ukoll l-indiċi tal-pakkett ta' informazzjoni li jkun mehmuż maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip;

(b) toħroġ ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip rivedut (b'numru ta' estensjoni) jekk xi informazzjoni fuqu (eskluża l-annessi) tkun inbidlet jew jekk ir-rekwiżiti minimi ta' dan il-Kapitolu jkunu nbidlu mid-data tal-approvazzjoni oriġinali. Iċ-ċertifikat rivedut tal-approvazzjoni għandu juri b'mod ċar ir-raġuni għall-modifika tiegħu u d-data tal-ħruġ mill-ġdid.

Jekk l-awtorità kompetenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip issib li jkunu ġustifikati provi jew testijiet ġodda minħabba modifika magħmula fil-pakkett ta' informazzjoni, hija għandha tinnotifika lill-manifattur b'dan il-fatt u toħroġ id-dokumenti speċifikati hawn fuq biss wara li jkunu tlestew b'suċċess il-provi jew it-testijiet ġodda.

Artikolu 14a.06

Konformità

1. Il-manifattur għandu jwaħħal ma' kull impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord immanifatturat f'konformità mal-approvazzjoni tat-tip, il-marki ddefiniti fl-Appendiċi VI, Parti I, inkluż in-numru tal-approvazzjoni tat-tip.

2. Jekk l-approvazzjoni tat-tip tkun tinkludi restrizzjonijiet fuq l-użu skont l-Artikolu 14a.04(3), il-manifattur għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar dawn ir-restrizzjonijiet u r-rekwiżiti kollha tal-istallazzjoni ma' kull unità mmanifatturata.

3. Jekk tintalab mill-awtorità kompetenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip, il-manifattur għandu jipprovdi lista tan-numri tas-serje tal-impjanti kollha tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jkunu ġew immanifatturati skont ir-rekwiżiti stipulati f'dan il-Kapitolu mill-aħħar rapport, jew minn meta dawk id-dispożizzjonijiet ikunu daħlu fis-seħħ l-ewwel darba, fi żmien 45 jum wara t-tmiem ta' kull sena kalendarja, u immedjatament wara kull data addizzjonali speċifikata mill-awtorità kompetenti. Il-lista għandha tippreżenta l-korrelazzjonijiet bejn in-numri tas-serje, it-tipi korrispondenti ta' impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord u n-numri tal-approvazzjoni tat-tip. Barra minn hekk, il-lista għandha tinkludi wkoll informazzjoni partikolari għal dawk il-każijiet fejn il-manifattur iwaqqaf il-produzzjoni ta' tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord approvat. Jekk l-awtorità kompetenti ma titlobx il-forniment regolari ta' din il-lista mill-manifattur, il-manifattur għandu jżomm id-dejta rreġistrata għal perjodu ta' mill-anqas 40 sena.

Artikolu 14a.07

Aċċettazzjoni ta' approvazzjonijiet ekwivalenti

L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu approvazzjonijiet tat-tip għal sistemi tat-trattament tad-drenaġġ abbord ibbażati fuq standards differenti għall-użu fuq il-passaġġi fuq l-ilma nazzjonali tagħhom. Dawn l-approvazzjonijiet tat-tip għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 14a.08

Iċċekkjar tan-numri tas-serje

1. L-awtorità kompetenti li toħroġ approvazzjoni tat-tip għandha tiżgura – billi taħdem, jekk ikun meħtieġ, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra – li jiġu rreġistrati u ċċekkjati n-numri tas-serje tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord immanifatturati f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

2. Jista' jsir kontroll addizzjonali tan-numri tas-serje flimkien mal-kontroll dwar il-konformità tal-produzzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 14a.09.

3. Rigward l-iċċekkjar tan-numri tas-serje, il-manifattur jew ir-rappreżentanti awtorizzati tiegħu fl-Istati Membri għandhom, jekk jiġu mitluba, jipprovdu immedjatament lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni kollha neċessarja dwar ix-xerrejja diretti tagħhom kif ukoll in-numri tas-serje ta' dawk l-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jkunu ġew irrappurtati bħala mmanifatturati skont l-Artikolu 14a.06(3).

4. Jekk manifattur ma jkunx kapaċi jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 14a.06 meta jintalab jagħmel dan mill-awtorità kompetenti, l-approvazzjoni għat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ikkonċernat tista' tiġi rtirata. F'tali każ, għandha tintuża l-proċedura ta' notifika speċifikata fl-Artikolu 14a.10(4).

Artikolu 14a.09

Konformità tal-produzzjoni

1. L-awtorità kompetenti li toħroġ approvazzjoni tat-tip għandha taċċerta bil-quddiem – billi taħdem, jekk ikun meħtieġ, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra – li jkunu saru arranġamenti xierqa sabiex jiżguraw iċċekkjar effettiv tal-konformità tal-produzzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Appendiċi VI, Parti I.

2. L-awtorità kompetenti li tkun ħarġet approvazzjoni tat-tip għandha taċċerta — billi taħdem, jekk ikun meħtieġ, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra — li l-arranġamenti speċifikati fil-paragrafu 1 rigward id-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi VI, Parti I ikomplu jkunu sufiċjenti u li kull impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ipprovdut b'numru tal-approvazzjoni tat-tip skont ir-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu jkompli jikkorrispondi mad-deskrizzjoni fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u l-annessi tiegħu għat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord approvat.

3. L-awtorità kompetenti tista' tirrikonoxxi testijiet komparabbli minn awtoritajiet kompetenti oħra bħala ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 14a.10

Nuqqas ta' konformità mat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord approvat

1. Għandu jitqies li jeżisti nuqqas ta' konformità mat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ approvat meta jkun hemm devjazzjonijiet mill-karatteristiċi fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip jew, skont kif ikun il-każ, mill-pakkett ta' informazzjoni, li ma jkunux ġew approvati skont l-Artikolu 14a.05(3) mill-awtorità kompetenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip.

2. Jekk l-awtorità kompetenti li tkun ħarġet approvazzjoni tat-tip issib li l-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord ma jikkonformawx mat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li għalih tkun ħarġet l-approvazzjoni, hija għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiżgura li l-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord fil-produzzjoni jerġgħu jikkonformaw mat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord approvat. L-awtorità kompetenti li tkun sabet in-nuqqas ta' konformità għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra u lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li tkun ħadet, li jistgħu jestendu għall-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip.

3. Jekk awtorità kompetenti tkun kapaċi turi li impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord ipprovduti b'numru tal-approvazzjoni tat-tip ma jikkonformawx mat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord approvat, hija tista' titlob lill-awtorità kompetenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip sabiex it-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jkun qed jiġi prodott jiġi ċċekkjat għall-konformità tiegħu mat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord approvat. Azzjoni bħal din għandha tittieħed fi żmien sitt xhur mid-data tat-talba.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin u lill-Kummissjoni fi żmien xahar minn kwalunkwe rtirar ta' approvazzjoni tat-tip u r-raġunijiet għal dak l-irtirar.

Artikolu 14a.11

Kejl ta' kampjun aleatorju/Test speċjali

1. Mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-kummissjonament tal-bastiment tal-passiġġieri jew, fil-każ ta' modernizzar tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord, wara li jkun ġie installat u sar it-test xieraq tal-prestazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tieħu kampjun aleatorju waqt it-tħaddim tal-bastiment tal-passiġġieri sabiex tiċċekkja l-valuri stabbiliti fl-Artikolu 14a.02(2), Tabella 2.

F'intervalli regolari, l-awtorità kompetenti għandha twettaq kontrolli tal-funzjonalità fuq l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord permezz ta' kejl ta' kampjuni aleatorji sabiex tiċċekkja l-valuri stabbiliti fl-Artikolu 14a.02(2), Tabella 2.

Jekk l-awtorità kompetenti ssib li l-valuri tal-kejl tal-kampjun aleatorju ma jikkonformawx mal-valuri stabbiliti fl-Artikolu 14a.02(2), Tabella 2, hija tista' titlob li:

(a) id-difetti fl-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord jiġu rranġati sabiex tiżgura li dan jaħdem sewwa;

(b) l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord jerġa' jinġieb konformi mal-approvazzjoni tip; jew

(c) isir test speċjali skont il-paragrafu 3.

Ladarba n-nuqqasijiet ta' konformità jkunu ġew irranġati u l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ikun reġa' nġieb konformi mal-approvazzjoni tat-tip, l-awtorità kompetenti tista' twettaq kejl ġdid ta' kampjun aleatorju.

Jekk id-difetti ma jiġux irranġati jew ma tiġix restawrata l-konformità tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord mal-ispeċifikazzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip, l-awtorità kompetenti għandha tissiġilla l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord u tinforma lill-bord ta' spezzjoni biex jagħmel annotazzjoni dwar dan fil-punt 52 taċ-ċertifikat tal-bastiment.

2. Il-kampjuni aleatorji għandhom jitkejlu skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Artikolu 14a.02(2), Tabella 2.

3. Jekk l-awtorità kompetenti ssib xi diskrepanzi fl-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jindikaw devjazzjoni mill-approvazzjoni tat-tip, l-awtorità kompetenti għandha twettaq test speċjali sabiex tistabbilixxi l-istat preżenti tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord fir-rigward tal-komponenti speċifikati fir-rekord tal-parametri tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord, il-kalibrazzjoni u l-issettjar tal-parametri tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord.

Jekk l-awtorità kompetenti tasal għall-konklużjoni li l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ma jkunx konformi mat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ approvat, hija tista' tieħu l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) titlob li:

(i) tiġi restawrata l-konformità tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord; jew

(ii) tiġi emendata l-approvazzjoni tat-tip skont l-Artikolu 14a.05; jew

(b) tordna kejl skont l-ispeċifikazzjoni tat-test kif stipulat fl-Appendiċi VII.

Jekk ma tiġix restawrata l-konformità jew ma tiġix emendata l-approvazzjoni tat-tip, jew meta mill-kejl imwettaq skont il-punt (b) isir evidenti li l-valuri tal-limitu stabbiliti fl-Artikolu 14a.02(2), Tabella 1 ma jkunux irrispettati, l-awtorità kompetenti għandha tissiġilla l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord u tinforma lill-bord ta' spezzjoni biex jagħmel annotazzjoni dwar dan fil-punt 52 taċ-ċertifikat tal-bastiment.

4. It-testijiet skont il-paragrafu 3 għandhom jitwettqu abbażi tal-gwida tal-manifattur għall-iċċekkjar tal-komponenti u l-parametri tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord rilevanti għat-trattament tad-drenaġġ. Din il-gwida, li għandha tiġi kompilata mill-manifattur u tkun approvata minn awtorità kompetenti, għandha tispeċifika l-komponenti rilevanti għat-trattament kif ukoll is-settings, il-kriterji u l-parametri tad-dimensjonar li għandhom jiġu applikati sabiex jiġi żgurat li l-valuri stabbiliti fl-Artikolu 14a.02(2), Tabelli 1 u 2 jinżammu l-ħin kollu. Hija għandha tinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) speċifikazzjoni tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord flimkien ma' deskrizzjoni tal-proċessi u indikazzjoni ta' jekk it-tankijiet għall-ħżin tad-drenaġġ għandhomx jiġu installati fi ħdan l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord;

(b) lista tal-komponenti speċifiċi għat-trattament tad-drenaġġ;

(c) id-disinn u l-kriterji tad-dimensjonar, l-ispeċifikazzjonijiet tad-dimensjonar u r-regolamenti applikati;

(d) rappreżentazzjoni skematika tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord bil-karatteristiċi li jidentifikaw il-komponenti approvati rilevanti għat-trattament (eż. in-numri tal-partijiet fuq il-komponenti).

5. Impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jkun ġie mitfi jista' jerġa' jitħaddem biss wara test speċjali skont il-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu.

Artikolu 14a.12

Awtoritajiet kompetenti u servizzi tekniċi

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti u s-servizzi tekniċi responsabbli sabiex iwettqu l-funzjonijiet deskritti f'dan il-Kapitolu. Is-servizzi tekniċi għandhom jissodisfaw l-istandard Ewropew dwar ir-rekwiżiti ġenerali għall-kompetenza tal-laboratorji tal-ittestjar u l-kalibrazzjoni (EN ISO/IEC 17025: 2005 – 8), billi jitqiesu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-manifatturi tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord ma jistgħux jiġu rikonoxxuti bħala servizzi tekniċi;

(b) għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, servizz tekniku jista', bil-qbil tal-awtorità kompetenti, juża faċilitajiet esterni għal-laboratorju tiegħu stess.";

(3) L-Artikolu 15.14(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-bastimenti tal-passiġġieri għandhom ikunu mgħammra b'tankijiet tal-ġbir għad-drenaġġ domestiku skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord skont il-Kapitolu 14a.";

(4) Fit-Tabella tal-Artikolu 24.02(2) l-entrati li ġejjin relatati mal-Kapitolu 14a huma mdaħħla wara l-entrati għall-Kapitolu 12:

	KAPITOLU 14a	
"L-Artikolu 14a.02(2), Tabelli 1 u 2 u l-paragrafu 5	Valuri tal-limitu/ta' kontroll u l-approvazzjonijiet tat-tip	NRC, sakemm (a) il-valuri tal-limitu u ta' kontroll ma jaqbżux il-valuri skont l-Artikolu 14a.02 b'iżjed mill-fattur 2; (b) l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ikollu ċertifikat tal-manifattur jew ta' espert li jikkonferma li huwa jista' jlaħħaq mal-mudelli tipiċi ta' tagħbija abbord l-inġenji; u (c) tkun stabbilita sistema ta' ġestjoni tal-ħama tad-drenaġġ li tkun xierqa għall-kundizzjonijiet tat-tħaddim ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord bastiment tal-passiġġieri;"

(5) Fit-Tabella tal-Artikolu 24.06(5), l-entrati li ġejjin relatati mal-Kapitolu 14a huma mdaħħla wara l-entrati għall-Kapitolu 11:

	KAPITOLU 14a		
"L-Artikolu 14a.02(2), Tabelli 1 u 2 u l-paragrafu 5	Valuri tal-limitu/ta' kontroll u l-approvazzjonijiet tat-tip	NRC, sakemm (a) il-valuri tal-limitu u ta' kontroll ma jaqbżux il-valuri skont l-Artikolu 14a.02 b'iżjed mill-fattur 2; (b) l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ikollu ċertifikat tal-manifattur jew ta' espert li jikkonferma li huwa jista' jlaħħaq mal-mudelli tipiċi ta' tagħbija abbord l-inġenji; u (c) tkun stabbilita sistema ta' ġestjoni tal-ħama tad-drenaġġ li tkun xierqa għall-kundizzjonijiet tat-tħaddim ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord bastiment tal-passiġġieri;	1.12.2013"

(6) Fit-Tabella tal-Artikolu 24a.02(2), il-kriterji li ġejjin relatati mal-Kapitolu 14a huma mdaħħla wara l-entrata għall-Kapitolu 12:

	KAPITOLU 14a	
"L-Artikolu 14a.02(2), Tabelli 1 u 2 u l-paragrafu 5	Valuri tal-limitu/ta' kontroll u l-approvazzjonijiet tat-tip	NRC, sakemm (a) il-valuri tal-limitu u ta' kontroll ma jaqbżux il-valuri skont l-Artikolu 14a.02 b'iżjed mill-fattur 2; (b) l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ikollu ċertifikat tal-manifattur jew ta' espert li jikkonferma li huwa jista' jlaħħaq mal-mudelli tipiċi ta' tagħbija abbord l-inġenji; u (c) tkun stabbilita sistema ta' ġestjoni tal-ħama tad-drenaġġ li tkun xierqa għall-kundizzjonijiet tat-tħaddim ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord bastiment tal-passiġġieri;"

(7) Jiżdiedu l-appendiċijiet VI sa VII li ġejjin:

"Appendiċi VI

Impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord — Dispożizzjonijiet supplimentari u mudelli taċ-ċertifikat

Werrej

PARTI I

Dispożizzjonijiet supplimentari

1. Immarkar tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord

2. Ittestjar

3. Evalwazzjoni tal-konformità tal-produzzjoni

PARTI II

Dokument ta' informazzjoni (mudell)

Addendum — Karatteristiċi tat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord (mudell)

PARTI III

Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip (mudell)

Addendum — Riżultati tat-test għall-approvazzjoni tat-tip (mudell)

PARTI IV

Sistema ta' numerazzjoni tal-approvazzjonijiet tat-tip

PARTI V

Sommarju tal-approvazzjonijiet tat-tip għat-tipi ta' impjanti tat-trattament tad-dreanaġġ abbord

PARTI VI

Sommarju tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord immanifatturati (mudell)

PARTI VII

Skeda għall-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord bl-approvazzjoni tat-tip (mudell)

PARTI VIII

Rekord tal-parametri tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord għat-testi speċjali (mudell)

Addendum — Appendiċi għar-rekord tal-parametri tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord

PARTI IX

Approvazzjonijiet ta' tipi ekwivalenti

PARTI I

Dispożizzjonijiet supplimentari

1. **Immarkar tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord**

1.1. L-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord tat-tip ittestjat irid ikollu l-informazzjoni li ġejja (immarkar):

1.1.1. il-marka kummerċjali jew l-isem kummerċjali tal-manifattur;

1.1.2. it-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord u n-numru tas-serje tal-impjant;

1.1.3. in-numru tal-approvazzjoni tat-tip skont il-Parti IV ta' din l-Appendiċi;

1.1.4. is-sena tal-kostruzzjoni tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord;

1.2. L-immarkar skont il-punt 1.1 irid ikun durabbli, jista' jinqara b'mod ċar u ma jistax jitħassar tul il-ħajja operattiva kollha tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord. Jekk jintużaw tikketti jew pjanċi adeżivi, dawn iridu jitwaħħlu b'mod li jibqgħu mwaħħlin tul il-ħajja operattiva kollha tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord u b'mod li ma jkunux jistgħu jitneħħew mingħajr ma jinqerdu jew isiru indeċifrabbli.

1.3. L-immarkar irid jitwaħħal ma' parti tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li tkun meħtieġa għat-tħaddim normali tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord u li normalment ma jkollhiex bżonn tinbidel matul il-ħajja operattiva kollha tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord.

1.3.1. L-immarkar irid jitwaħħal b'mod li jkun jidher b'mod ċar wara li l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ikun twaħħallu t-tagħmir awżiljarju kollu neċessarju għat-tħaddim tiegħu.

1.3.2. Jekk ikun meħtieġ, l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord irid ikollu pjanċa addizzjonali li tista' titneħħa, magħmula minn materjal b'saħħtu, li trid tinkludi l-informazzjoni kollha msemmija fil-punt 1.1 u li għandha tkun imwaħħla b'mod li l-informazzjoni tkun tista' tinqara b'mod ċar u tkun faċilment aċċessibbli wara li l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord jiġi installat fuq bastiment.

1.4. Il-partijiet kollha tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jista' jkollu effett fuq it-trattament tad-drenaġġ iridu jkunu mmarkati u identifikati b'mod ċar.

1.5. Il-pożizzjoni eżatta tal-immarkar imsemmi fil-punt 1.1 għandha tkun indikata fit-Taqsima I taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip.

2. **Ittestjar**

Il-proċedura għall-ittestjar ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord hija ppreżentata fl-Appendiċi VII.

3. **Evalwazzjoni tal-konformità tal-produzzjoni**

3.1. Fir-rigward tal-verifika tal-eżistenza ta' arranġamenti u proċeduri sodisfaċenti sabiex jiġi żgurat kontroll effettiv tal-konformità tal-produzzjoni qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip, l-awtorità kompetenti trid taċċetta r-reġistrazzjoni tal-manifattur skont l-istandard armonizzat EN ISO 9001: 2008 (li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jkopri l-produzzjoni tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord ikkonċernati) jew standard ekwivalenti tal-akkreditazzjoni bħala li jissodisfa r-rekwiżiti. Il-manifattur irid jipprovdi dettalji tar-reġistrazzjoni u jintrabat li jinforma lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe reviżjoni fil-validità jew fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Għandhom jitwettqu spezzjonijiet xierqa tal-produzzjoni sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-Artikolu 14a.02(2) to (5) ikunu qegħdin jiġu ssodisfati b'mod konsistenti.

3.2. Id-detentur tal-approvazzjoni tat-tip irid:

3.2.1. jiżgura li jkun hemm fis-seħħ proċeduri għall-kontroll effettiv tal-kwalità tal-prodott;

3.2.2. ikollu aċċess għat-tagħmir tal-ittestjar neċessarju sabiex tiġi ċċekkjata l-konformità ma' kull tip approvat;

3.2.3. jiżgura li r-riżultati tat-testijiet jiġu rreġistrati u li dawn ir-rekords u d-dokumentazzjoni rilevanti jibqgħu disponibbli għal perjodu li għandu jiġi miftiehem mal-awtorità kompetenti;

3.2.4. janalizza mill-qrib ir-riżultati ta' kull tip ta' test, sabiex jivverifika u jiżgura l-konsistenza tal-karatteristiċi tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord, filwaqt għandu jipprovdi għall-varjazzjonijiet normali fil-produzzjoni ta' serje;

3.2.5. jiżgura li kwalunkwe kampjun mill-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord jew komponenti tat-test li jikxfu nuqqas ta' konformità apparenti fit-tip ta' test inkwistjoni jwasslu għal iżjed teħid ta' kampjuni u ttestjar, filwaqt li jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex tiġi restawrata l-konformità tal-produzzjoni.

3.3. L-awtorità kompetenti li tkun tat approvazzjoni tat-tip tista' fi kwalunkwe ħin tivverifika l-metodi ta' kontroll tal-konformità applikati f'kull xogħol ta' produzzjoni.

3.3.1. It-test u d-dokumentazzjoni dwar il-produzzjoni għandhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-eżaminatur f'kull test.

3.3.2. Jekk il-kwalità tat-testijiet tidher bħala mhux sodisfaċenti, għandha tiġi applikata l-proċedura li ġejja:

3.3.2.1. għandu jittieħed impjant wieħed tat-trattament tad-drenaġġ abbord mis-serje u jiġi ttestjat permezz ta' kejl ta' kampjun aleatorju fil-kundizzjoni ta' tagħbija normali tal-Appendiċi VII wara ġurnata jaħdem. Skont il-metodi tat-test fl-Appendiċi VII, id-drenaġġ trattat ma jridx jaqbeż il-valuri stabbiliti fl-Artikolu 14a.02(2), Tabella 2;

3.3.2.2. jekk xi impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord meħud mis-serje jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3.3.2.1, il-manifattur jista' jitlob li jsir kejl ta' kampjun aleatorju fuq għadd ta' impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord tal-istess speċifikazzjoni meħuda mis-serje. Dan il-kampjun il-ġdid irid jinkludi l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord meħud oriġinarjament. Il-manifattur għandu jistabbilixxi l-firxa n tas-serje f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti. L-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord għandhom ikunu sottoposti għal ittestjar permezz ta' kejl ta' kampjun aleatorju ħlief għall-impjant meħud oriġinarjament. Imbagħad trid tiġi determinata l-medja aritmetika ($\bar{x}$) tar-riżultati miksuba mill-kampjun aleatorju tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord. Il-produzzjoni tas-serje għandha titqies bħala li tikkonforma mar-rekwiżiti jekk tiġi ssodisfata l-kundizzjoni li ġejja:

$$\bar{x} + k \cdot S_t \leq L$$

fejn:

k huwa fattur statistiku li huwa dipendenti fuq *n* u huwa mogħti fit-Tabella li ġejja:

n	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16	17	18	19
k	0,973	0,613	0,489	0,421	0,376	0,342	0,317	0,296	0,279	0,265	0,253	0,242	0,233	0,224	0,216	0,210	0,203	0,198

$$if\ n \geq 20,\ k = \frac{0,860}{\sqrt{n}}$$

$S_t = \sqrt{\sum_{i=1}^{n} \frac{(x_i - \bar{x})}{n-1}}$, fejn x_i huwa kwalunkwe riżultat individwali miksub mill-kampjun aleatorju n;

L huwa l-valur tal-limitu ammissibbli stabbilit fl-Artikolu 14a.02(2) Tabella 2 għal kull sustanza niġġiesa studjata;

3.3.3. jekk ma jiġux osservati l-valuri kif stabbiliti fl-Artikolu 14a.02(2), Tabella 2, għandu jitwettaq test ġdid skont il-punt 3.3.2.1 u, f'każ li t-test ma jkollux riżultati pożittivi, skont il-punt 3.3.2.2 jitwettaq test sħiħ, billi tiġi segwita l-proċedura tat-test prevista fl-Appendiċi VII. Il-valuri tal-limitu kif stabbiliti fl-Artikolu 14a.02(2), Tabella 1 ma jistgħux jinqabżu la għall-kampjun kompost u lanqas għall-kampjun aleatorju.

3.3.4. L-awtorità kompetenti trid twettaq it-testijiet fuq impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jkunu parzjalment jew kompletament funzjonali skont l-informazzjoni pprovduta mill-manifattur.

3.3.5. Il-frekwenza normali tat-testijiet tal-konformità tal-produzzjoni li l-awtorità kompetenti għandha d-dritt li twettaq hi darba fis-sena. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-punt 3.3.2, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jittieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex tiġi restawrata l-konformità tal-produzzjoni mingħajr dewmien.

PARTI II

(MUDELL)

Dokument ta' Informazzjoni Nru

relatat mal-approvazzjoni tat-tip ta' impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord maħsuba sabiex jiġu installati fuq bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni

Tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord .....

0. Ġenerali

0.1. Ditta (isem il-kumpanija tal-manifattur): .....

0.2. Deżinjazzjoni tal-manifattur għat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord: .....

.....

0.3. Kodiċi tat-tip tal-manifattur li jikkorrispondi mal-informazzjoni mogħtija fuq l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord: .....

.....

0.4. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, jekk hemm: .....

.....

0.5. Pożizzjoni, kodifikazzjoni u metodu ta' twaħħil tan-numru tas-serje tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord: .....

.....

0.6. Pożizzjoni u metodu ta' twaħħil tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip: .....

.....

0.7. Indirizz(i) tax-xogħlijiet tal-produzzjoni: .....

.....

Annessi:

1. Karatteristiċi prinċipali tat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord

2. Kriterji tad-disinn u tad-dimensjoniar, speċifikazzjonijiet tad-disinn u r-regoli applikati

3. Dijagramma skematika tal-impjant tat-trattament abbord bil-lista tal-partijiet

4. Dijagramma skematika tal-impjant tat-test bil-lista tal-partijiet

5. Dijagrammi tas-sistema tal-wajers elettriċi (dijagramma P/I)

6. Dikjarazzjoni li l-ispeċifikazzjonijiet kollha rigward is-sigurtà mekkanika, elettrika u teknika tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ u l-ispeċifikazzjonijiet rigward is-sikurezza tal-vapur ġew osservati

7. Karatteristiċi ta' kwalunkwe parti tal-bastiment li tkun imqabbda mal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord

8. Gwida tal-manifattur għall-iċċekkjar tal-komponenti u l-parametri tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord rilevanti għat-trattament tad-drenaġġ skont l-Artikolu 14a.01(10)

9. Ritratti tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord

10. Kunċetti operattivi [1]

10.1. Struzzjonijiet għat-tħaddim manwali tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord

10.2. Noti dwar il-ġestjoni tal-ħama żejjed (intervalli tar-rimi)

10.3. Noti dwar il-manutenzjoni u t-tiswija

10.4. Noti dwar l-azzjoni meħtieġa fil-każ ta' operazzjoni f'modalità "Stand-by" tal-impjant tat-tratament tad-drenaġġ abbord

10.5. Noti dwar l-azzjoni meħtieġa fil-każ tat-tħaddim ta' emerġenza tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord

10.6. Noti dwar l-operazzjoni ta' tifi, waqfien u tqabbid mill-ġdid tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord

10.7. Noti dwar ir-rekwiżiti għat-trattament minn qabel tal-ilma mormi tal-kċejjen

11. Appendiċijiet oħra (lista hawnhekk)

Data, firma tal-manifattur tal-impjant tat-trattamnet tad-drenaġġ abbord

....

---

[1] Fażijiet operattivi
Għandhom jiġu ddefiniti l-fażijiet operattivi li ġejjin għall-ittestjar:

(a) Operazzjoni stand-by hija meta l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ikun qiegħed jaħdem iżda ma jkunx ħa drenaġġ għal iżjed minn ġurnata. Impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord jista' jkun f'operazzjoni f'modalità "stand-by" meta, pereżempju, il-bastiment tal-passiġġieri ma jkunx qiegħed jaħdem għal perjodu estiż u jkun wieqaf fl-irmiġġ tiegħu.

(b) Operazzjoni tal-emerġenza hija meta sottomuntaturi individwali ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abord ikunu ħadmu ħażin, sabiex id-drenaġġ ma jkunx jista' jiġi ttrattat kif suppost.

(c) Operazzjoni ta' tifi, waqfien u tqabbid mill-ġdid hija meta impjant tat-trattamnet tad-drenaġġ abbord ikun twaqqaf għal perjodu estiż (irmiġġ fix-xitwa) u l-provvista tal-elettriku tiġi mitfija, jew meta l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord jerġa' jinxteġħel fil-bidu tal-istaġun.

Addendum

Karatteristiċi prinċipali tat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord

(MUDELL)

1. **Deskrizzjoni tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord**

1.1. Manifattur: .....

1.2. Numru tas-serje tal-impjant: .....

1.3. Mod tat-trattament: bijoloġiku jew mekkaniku/kimiku ([1])

1.4. Tank tal-ħżin tad-drenaġġ fi ħdanu? Iva, … m^3 / Le[4]

2. **Disinn u kriterji tad-dimensjonar (inklużi kwalunkwe struzzjonijiet speċjali għall-istallazzjoni jew restrizzjonijiet fuq l-użu)**

2.1. .....

2.2. .....

3. **Dimensjonar tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord**

3.1. Rata massima tal-fluss volumetriku tad-drenaġġ kull ġurnata Qd (m^3/d): .....

3.2. Tagħbija tat-tniġġis kuljum BOD5 (kg/d): .....

([1]) Speċifika kif xieraq.

PARTI III

Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip

(MUDELL)

Siġill tal-awtorità kompetenti

Nru. tal-approvazzjoni tat-tip: ..... Nru. tal-estensjoni: .....

Notifika ta' ħruġ/estensjoni/ċaħda/irtirar [1] ta' approvazzjoni tat-tip għal tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord skont id-Direttiva 2006/87/KE

Raġuni għall-estensjoni, jekk applikabbli: .....

Taqsima I

0. Ġenerali

0.1. Ditta (isem il-kumpanija tal-manifattur): .....

0.2. Desinjazzjoni tal-manifattur għat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord: .....

.....

0.3. Kodiċi tat-tip tal-manifattur li jikkorrispondi mal-informazzjoni mwaħħla mal-impjant tat-trattament abbord: ....

.....

Pożizzjoni: .....

Metodu tat-twaħħil: .....

0.4. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

.....

Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, jekk hemm:

.....

.....

0.5. Pożizzjoni, kodifikazzjoni u metodu tat-twaħħil tan-numru tas-serje tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord: .....

.....

.....

0.6. Pożizzjoni u metodu tat-twaħħil tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip: .....

.....

0.7. Indirizz(i) tax-xogħlijiet tal-produzzjoni: .....

.....

Taqsima II

1. Restrizzjonijiet fuq l-użu: .....

[1] speċifika kif meħtieġ

1.1. Partikolaritajiet li għandhom jiġu osservati meta jiġi installat l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord inġenju:

.....

1.1.1. .....

1.1.2. .....

2. Servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet ([1]) .....

.....

.....

3. Data tar-rapport dwar it-test: .....

4. Numru tar-rapport dwar it-test: .....

5. Is-sottoskritt b'dan jiċċertifika l-eżattezza tal-informazzjoni pprovduta mill-manifattur fid-dokument ta' informazzjoni mehmuż għall-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord hawn fuq imsemmi skont l-Anness VII tad-Direttiva 2006/87/KE u l-validità tar-riżultati tat-test annessi fir-rigward tat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord. Il-kampjun(i) ġie (ġew) magħżula mill-manifattur bil-qbil tal-awtorità kompetenti u sottomessi mill-manifattur bħala t-tip ta' disinn tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord.

L-approvazzjoni tat-tip hija maħruġa/estiża/miċħuda/irtirata ([2]):

Post: .....

Data: .....

Firma: .....

Appendiċijiet:

Fajl ta' informazzjoni

Riżultati tat-test (ara l-Anness 1)

([1]) F'każ li t-testijiet jiġu mwettqa mill-awtorità kompetenti mmarka bħala "mhux rilevanti"
([2]) speċifika skont liema tkun xierqa

Addendum

Riżultati tat-test għall-approvazzjoni tat-tip

(MUDELL)

0. Ġenerali

0.1. Ditta (isem il-kumpanija tal-manifattur): .....

0.2. Dežinjazzjoni tal-manifattur għat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord: .....

1. Informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tat-test(ijiet) [1].

1.1. Valuri tad-dħul

1.1.1. Rata tal-fluss volumetriku tad-drenaġġ kull ġurnata Qd (m^3/d): .....

1.1.2. Tagħbija tat-tniġġis BOD5 kull ġurnata (kg/d): .....

1.2. Effiċjenza tat-tisfija

1.2.1. Evalwazzjoni tal-valuri tal-ħruġ

Evalwazzjoni tal-valuri tal-ħruġ BOD_5 (mg/l)

Pożizzjoni:	Tip ta' kampjun	Għadd ta' testijiet li jilħqu l-valuri tal-limitu	Min	Mass		Medja
				Valur	Fażi	
Dħul	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa	— [1]				
Ħruġ	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa					
Dħul	Kampjuni aleatorji	—				
Ħruġ	Kampjuni aleatorji					

[1] L-ebda valuri tal-limitu għad-dħul

Evalwazzjoni tal-valuri tal-ħruġ COD (mg/l)

Pożizzjoni:	Tip ta' kampjun	Għadd ta' testijiet li jilħqu l-valuri tal-limitu	Min	Mass		Medja
				Valur	Fażi	
Dħul	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa	—				
Ħruġ	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa					
Dħul	Kampjuni aleatorji	—				
Ħruġ	Kampjuni aleatorji					

Evalwazzjoni tal-valuri tal-ħruġ TOC (mg/l)

Pożizzjoni:	Tip ta' kampjun	Għadd ta' testijiet li jilħqu l-valuri tal-limitu	Min	Mass		Medja
				Valur	Fażi	
Dħul	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa	—				

[1] Indika għal kull ċiklu f'każ ta' aktar ċikli tat-testijiet

Pożizzjoni:	Tip ta' kampjun	Għadd ta' testijiet li jilħqu l-valuri tal-limitu	Min	Mass		Medja
				Valur	Fażi	
Ħruġ	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa					
Dħul	Kampjuni aleatorji	—				
Ħruġ	Kampjuni aleatorji					

Evalwazzjoni tal-valuri tal-ħruġ SRF (mg/l)

Pożizzjoni:	Tip ta' kampjun	Għadd ta' testijiet li jilħqu l-valuri tal-limitu	Min	Mass		Medja
				Valur	Fażi	
Dħul	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa	—				
Ħruġ	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa					
Dħul	Kampjuni aleatorji	—				
Ħruġ	Kampjuni aleatorji					

1.2.2. Effiċjenza tat-tisfija (effiċjenza tal-eliminazzjoni) (%)

Parametru	Tip ta' kampjun	Min	Mass	Medja
BOD_5	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa			
BOD_5	Kampjuni aleatorji			
COD	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa			
COD	Kampjuni aleatorji			
TOC	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa			
TOC	Kampjuni aleatorji			
SRF	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa			
SRF	Kampjuni aleatorji			

1.3. Aktar parametri mkejla

1.3.1. Parametri addizzjonali tad-dħul u l-ħruġ:

Parametru	Dħul	Ħruġ
pH		
Konduttività		
Temperatura tal-fażijiet likwidi		

1.3.2. Il-parametri tat-tħaddim li ġejjin — meta jkunu disponibbli — għandhom jiġu rreġistrati waqt it-teħid tal-kampjuni:

Konċentrazzjoni ta' ossiġnu maħlul fil-bijoreattur

Kontenut ta' materja niexfa fil-bijoreattur

Temperatura fil-bijoreattur

Temperatura ambjentali

1.3.3. Aktar parametri tat-tħaddim skont l-istruzzjonijiet ipprovduti mill-manifattur għat-tħaddim

.....

.....

.....

.....

1.4. Awtorità kompetenti jew servizz tekniku:

Post, data: ..... Firma: .....

PARTI IV

Sistema ta' numerazzjoni tal-approvazzjonijiet tat-tip

1. **Sistema**

In-numru għandu jikkonsisti minn erba' sezzjonijiet separati bil-karattru '*'.

Sezzjoni 1

L-ittra żgħira 'e' segwita min-numru li jidentifika l-Istat li ħareġ l-approvazzjoni tat-tip:

1 għall-Ġermanja	18 għad-Danimarka
2 għal Franza	19 għar-Rumanija
3 għall-Italja	20 għall-Polonja
4 għall-Pajjiżi l-Baxxi	21 għall-Portugall
5 għall-Isvezja	23 għall-Greċja
6 għall-Belġju	24 għall-Irlanda
7 għall-Ungerija	26 għas-Slovenja
8 għar-Repubblika Ċeka	27 għas-Slovakkja
9 għal Spanja	29 għall-Estonja
11 għar-Renju Unit	32 għal-Latvja
12 għall-Awstrija	34 għall-Bulgarija
13 għal-Lussemburgu	36 għal-Litwanja
14 għall-Isvizzera	49 għal Ċipru
17 għall-Finlandja	50 għal Malta

Sezzjoni 2

L-indikazzjoni tal-livell ta' rekwiżit. Ir-rekwiżiti fir-rigward tal-effiċjenza tat-tisfija huma probabbli li jiżdiedu fil-ġejjieni. Il-livelli differenti ta' ħtieġa huma indikati b'numri Rumani, li jibdew fil-livell I.

Sezzjoni 3

Numru sekwenzjali b'erba' ċifri (b'żerijiet fil-bidu kif applikabbli) biex jindika n-numru tal-approvazzjoni tat-tip bażi. Is-sekwenza għandha tibda minn 0001.

Sezzjoni 4

Numru sekwenzjali b'żewġ ċifri (b'żero fil-bidu jekk applikabbli) biex jindika l-estensjoni. Is-sekwenza għandha tibda minn 01 għal kull numru.

2. **Eżempji**

(a) It-tielet approvazzjoni tat-tip (li għad ma għandhiex estensjoni) maħruġa mill-Pajjiżi l-Baxxi li tikkorrispondi għal livell I:

e 4*I*0003*00

(b) It-tieni estensjoni għar-raba' approvazzjoni tat-tip maħruġa mill-Ġermanja li tikkorrispondi għal livell II:

e 1*II* 0004*02

PARTI V

Sommarju tal-approvazzjonijiet tat-tip għat-tipi ta' impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord

(MUDELL)

Siġill tal-awtorità kompetenti

Nru. tal-Lista: .....

Perjodu minn ..... sa .....

1	2	3	4	5	6	7
Ditta [1]	Desinjazzjoni tal-manifattur	Numru tal-approvazzjoni tat-tip	Data tal-approvazzjoni tat-tip	Estensjoni/ ċaħda/ irtirar [2]	Raġuni għal estensjoni/ ċaħda/irtirar	Data tal-estensjoni/ taċ-ċaħda/tal-irtirar [2]

[1] ċertifikat rilevanti tal-approvazzjoni tat-tip
[2] speċifika kif xieraq

PARTI VI

(MUDELL)

Sommarju tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord manifatturati

Siġill tal-awtorità kompetenti

Nru tal-Lista.: .....

Għall-perjodu minn: ..... sa: .....

L-informazzjoni li ġejja hija pprovduta fir-rigward tat-tipi ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord u n-numri tal-approvazzjoni tat-tip tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord immanifatturati matul il-perjodu ta' hawn fuq skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/87/KE:

Ditta (isem il-kumpanija tal-manifattur): .....

Dežinjazzjoni tal-manifattur għat-tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord: .....

.....

Numru tal-approvazzjoni tat-tip: .....

Data tal-ħruġ: .....

Data tal-ewwel ħruġ (fil-każ ta' estensjonijiet): .....

Numru tas-serje tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord:

… 001	… 001	… 001
… 002	… 002	… 002
.	.	.
.	.	.
.	.	.
… m	… p	… q

PARTI VII

Skeda tad-dejta għall-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord bl-approvazzjoni tat-tip

(MUDELL)

Siġill tal-awtorità kompetenti

					Karatteristiċi tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord				Effiċjenza tat-tisfija					
									BOD_5		COD		TOC	
Nru.	Data tal-approvazzjoni tat-tip	Numru tal-approvazzjoni tat-tip	Ditta	Tip ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord	Rata tal-fluss vol. tad-drenaġġ kuljum Q_d (m^3/d)	Tagħbija tat-tniġġis BOD_5 kull ġurnata (kg/d)			Kampjun kompost ta' 24 siegħa	Kampjun aleatorju	Kampjun kompost ta' 24 siegħa	Kampjun aleatorju	Kampjun kompost ta' 24 siegħa	Kampjun aleatorju

PARTI VIII

Rekord tal-parametri tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord għat-test speċjali

(MUDELL)

1. **Ġenerali**

1.1. Dettalji tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord

1.1.1. Ditta: .....

1.1.2. Dežinjazzjoni tal-manifattur: .....

.....

1.1.3. Numru tal-approvazzjoni tat-tip: .....

1.1.4. Numru tas-serje tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord: .....

.....

1.2. *Dokumentazzjoni*

L-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord għandu jiġi ttestjat u r-riżultati tat-test jiġu rreġistrati fuq folji separati li għandhom jiġu numerati b'mod individwali, iffirmati mill-ispettur u mehmuża ma' dan ir-rekord.

1.3. *Ittestjar*

L-ittestjar għandu jitwettaq abbażi tal-gwida tal-manifattur għall-iċċekkjar tal-komponenti u l-parametri tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord rilevanti għat-trattament tad-drenaġġ skont l-Artikolu 14a.01(10). F'każijiet individwali ġustifikati, l-ispetturi jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom stess ma jiċċekkjawx ċerti komponenti jew parametri tal-impjant.

Matul it-test għandu jittieħed mill-anqas kampjun aleatorju wieħed. Ir-riżultati tal-kejl tal-kampjun aleatorju għandhom jiġu mqabbla mal-valuri ta' kontroll stabbiliti fl-Artikolu 14a.02(2), Tabella 2.

1.4. Dan ir-rapport tat-test, flimkien mar-rekords mehmuża, jinkludi total ta' ..... [1] .....paġni.

2. **Parametri**

B'dan niċċertifika li l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ittestjat ma jiddevjax f'miżura inammissibbli mill-parametri u l-valuri ta' kontroll għat-tħaddim speċifikati fl-Artikolu 14a.02(2), Tabella 2 mhumiex maqbuża.

Isem u indirizz tal-korp ta' spezzjoni: .....

.....

.....

Isem tal-ispettur: .....

Post u data: .....

Firma: .....

Test rikonoxxut mill-awtorità kompetenti: .....

.....

.....

Post u data: .....

Firma: .....

Siġill tal-awtorità kompetenti

[1] Għandu jiġi inkluż minn dak li jittestja.

Isem u indirizz tal-korp ta' spezzjoni: .....

.....

.....

Isem tal-ispettur: .....

Post u data: .....

Firma: .....

Test rikonoxxut mill-awtorità kompetenti: .....

.....

.....

Post u data: .....

Firma: .....

Siġill tal-awtorità kompetenti

Isem u indirizz tal-korp ta' spezzjoni: .....

.....

.....

Isem tal-ispettur: .....

Post u data: .....

Firma: .....

Test rikonoxxut mill-awtorità kompetenti: .....

.....

.....

Post u data: .....

Firma: .....

Siġill tal-awtorità kompetenti

Addendum

Appendiċi għar-rekord tal-parametri tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord

(MUDELL)

Isem tal-bastiment: ..... Numru Ewropew Uniku ta' Identifikazzjoni tal-Bastiment: .....

Manifattur: ..... Isem tal-impjant: .....

(Għamla/Ditta kummerċjali/isem kummerċjali tal-manifattur) (Desinjazzjoni tal-manifattur)

Nru. tal-approvazzjoni tat-tip.: ..... Sena tal-kostruzzjoni tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord: .....

Numru tas-serje tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord: ..... Sit tal-istallazzjoni: .....

(Numru tas-serje)

L-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord u l-komponenti tiegħu rilevanti għat-trattament ġew identifikati mill-pjanċa tad-dejta. It-test twettaq fuq il-bażi tal-gwida tal-manifattur għall-iċċekkjar tal-komponenti u l-parametri tal-impjant rilevanti għat-trattament tad-drenaġġ.

(A) **Ittestjar tal-komponenti**

Komponenti addizzjonali rilevanti għat-trattament, elenkati fil-gwida tal-manifattur għall-iċċekkjar tal-komponenti u l-parametri tal-impjant, rilevanti għat-trattament tad-drenaġġ jew il-Parti II Anness 4 għandhom jiddaħħlu hawnhekk.

Komponent	Numru tal-komponent identifikat	Konformità [1]		
		☐ Iva	☐ Le	☐ m/a
		☐ Iva	☐ Le	☐ m/a
		☐ Iva	☐ Le	☐ m/a
		☐ Iva	☐ Le	☐ m/a
		☐ Iva	☐ Le	☐ m/a
		☐ Iva	☐ Le	☐ m/a
		☐ Iva	☐ Le	☐ m/a
		☐ Iva	☐ Le	☐ m/a
		☐ Iva	☐ Le	☐ m/a

[1] Speċifika kif xieraq.

(B) **Riżultati tal-kejl tal-kampjun aleatorju:**

Parametru	Valur miksub	Konformità [1]	
BOD_5		☐ Iva	☐ Le
COD		☐ Iva	☐ Le
TOC		☐ Iva	☐ Le

[1] Agħmel salib fil-kaxxa t-tajba.

(C) **Kummenti:**

.....

(Instabu s-settings devjanti, il-modifiki jew l-alterazzjonijiet li ġejjin fl-impjant installat tat-trattament tad-drenaġġ abbord.)

.....

.....

.....

.....

.....

.....

Isem tal-ispettur: .....

Post u data: .....

Firma: .....

PARTI IX

Approvazzjonijiet ta' Tipi Ekwivalenti

Approvazzjonijiet tat-tip fir-Riżoluzzjoni 2010-II-27 tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Rhine tad-9 ta' Diċembru 2010.

Appendiċi VII

Impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord

Proċedura tat-test

1. ĠENERALI

1.1. **Fundamentali**

L-ispeċifikazzjoni tat-test għandha tintuża sabiex tiġi vverifikata l-adegwatezza tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord fuq il-bastimenti tal-passiġġieri.

F'din il-proċedura, il-proċess u t-teknoloġija użata tat-trattament għandhom jiġu eżaminati u approvati permezz ta' impjant tat-test. Il-konformità tal-impjant tat-test mal-impjanti tat-trattament fis-servizz aktar tard tiġi żgurata bl-applikazzjoni ta' kriterji identiċi tad-disinn u tad-dimensjonar.

1.2. **Responsabbiltà u post tat-test**

L-impjant tat-test għal firxa ta' tipi ta' impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord għandu jiġi ttestjat minn servizz tekniku. Il-kundizzjonijiet tat-test fis-sit tat-test huma r-responsabbiltà tas-servizz tekniku u għandhom jikkorrispondu mal-kundizzjonijiet speċifikati hawnhekk.

1.3. **Dokumenti li għandhom jiġu sottomessi**

It-test għandu jitwettaq abbażi tad-dokument ta' informazzjoni skont l-Appendiċi VI, Parti II.

1.4. **Speċifikazzjonijiet dwar id-dimensjonar tal-impjant**

L-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ abbord għandhom jiġu dimensjonati u ddisinjati b'mod li l-valuri tal-limitu speċifikati fl-Artikolu 14a.02(2), Tabelli 1 u 2 fil-ħruġ tagħhom ma jinqabżux waqt it-tħaddim tagħhom.

2. MIŻURI PREPARATORJI GĦALL-ITTESTJAR

2.1. **Ġenerali**

Qabel il-bidu tat-test, il-manifattur għandu jipprovdi lis-servizz tekniku l-ispeċifikazzjonijiet strutturali u dawk tal-proċess tal-impjant tat-test, li għandhom jinkludu sett komplut ta' tpinġijiet u kalkoli ta' sostenn skont l-Appendiċi VI, Parti II, u għandu jipprovdi informazzjoni sħiħa dwar ir-rekwiżiti tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord f'termini ta' stallazzjoni, tħaddim u manutenzjoni. Il-manifattur għandu jipprovdi lis-servizz tekniku b'informazzjoni dwar is-sigurtà mekkanika, elettrika u teknika tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jkun se jiġi ttestjat.

2.2. **Stallazzjoni u tqegħid fis-servizz**

Għall-iskop tat-test, il-manifattur għandu jinstalla l-impjant tat-test b'mod li jikkorrispondi mal-kundizzjonijiet maħsuba tal-istallazzjoni abbord il-bastimenti tal-passiġġieri. Qabel l-ittestjar, il-manifattur irid jarma l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord u jħaddmu. It-tqabbid irid ikun skont l-istruzzjonijiet għat-tħaddim ipprovduti mill-manifattur u għandu jiġi ċċekkjat mis-servizz tekniku.

2.3. **Fażi ta' tħaddim inizjali**

Il-manifattur għandu jinnotifika lis-servizz tekniku dwar it-tul ta' żmien nominali tal-fażi ta' tħaddim inizjali sat-tħaddim normali f'ġimgħat. Il-manifattur għandu jispeċifika l-punt meta l-fażi ta' tħaddim inizjali titqies bħala kompluta u jkun jista' jibda l-ittestjar.

2.4. **Karatteristiċi tad-dħul**

Għall-ittestjar tal-impjant tat-test għandu jintuża drenaġġ domestiku mhux ipproċessat. Il-karatteristiċi tad-dħul fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu għandhom jinkisbu mid-dokumentazzjoni pprovduta mill-manifattur dwar id-dimensjonar tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord skont l-Appendiċi VI, Parti II billi jiġi ffurmat il-kwozjent għar-rata ta' fluss tas-sustanzi organiċi fil-forma ta' tagħbija ta' BOD5 f'kg/d u r-rata ta' fluss iddisinjata tad-drenaġġ Qd f'm^3/d. Il-karatteristiċi tad-dħul għandhom jiġu stabbiliti skont dan mill-korp ta' spezzjoni.

Formula 1

Kalkolu tal-karatteristiċi tad-dħul

$$C_{BOD5,mean} = \frac{BOD_5}{Q_d} \left[\frac{kgBOD_5 \ /d}{m^3 \ /d} \right]$$

Jekk l-applikazzjoni tal-formula 1 tirriżulta f'konċentrazzjoni medja aktar baxxa ta' BOD_5 ta' inqas minn $C_{BOD5mean}$ = 500 mg/l, għandha tiġi ssettjata konċentrazzjoni medja ta' BOD_5 fl-ilma tad-dħul ta' $C_{BOD5,min}$ = 500 mg/l.

Is-servizz tekniku ma għandux jgħaddi id-drenaġġ mhux ipproċessat tad-dħul f'magna tat-tħin. It-tneħħija tar-ramel (eż. permezz ta' filtru) hija permissibbli).

3. PROĊEDURA TAT-TEST

3.1 **Fażijiet ta' tagħbija u alimentazzjoni idrawlika**

Il-perjodu tat-test għandu jinkludi 30 ġurnata ta' ttestjar. L-impjant tat-test għandu jiġi alimentat fil-kamp tat-test bi drenaġġ domestiku skont it-tagħbija speċifikata fit-Tabella 1. Għandhom jiġu koperti diversi fażijiet ta' tagħbija, bis-sekwenza tat-test tikkunsidra l-fażijiet ta' tagħbija normali u l-fażijiet ta' tagħbija speċjali bħal tagħbija żejda, tagħbija nieqsa u operazzjoni ta' modalità "Stand-by". It-tul ta' kull fażi ta' tagħbija (għadd ta' ġranet tat-test) huwa stabbilit fit-Tabella 1. It-tagħbija idrawlika medja ta' kuljum għal kull fażi ta' tagħbija għandha tiġi ssettjata skont it-Tabella 1. Il-konċentrazzjoni medja ta' sustanzi li jniġġsu, li għandha tiġi ssettjata skont il-punt 2.4, għandha tinżamm kostanti.

Tabella 1

Issettjar tat-tagħbija għal kull fażi ta' tagħbija

Fażi	Għadd ta' ġranet tat-test	Tagħbija idrawlika ta' kuljum	Konċentrazzjoni tas-sustanzi li jniġġsu
Tagħbija normali	20 jum	Q_d	C_{BOD5} skont 2.4
Tagħbija żejda	3 ijiem	1,25 Q_d	C_{BOD5} skont 2.4
Tagħbija nieqsa	3 ijiem	0,5 Q_d	C_{BOD5} skont 2.4
Modalità "Stand-by"	4 ijiem	Jum 1 u jum 2: $Q_{d=}$ 0 Jum 3 u jum 4: Q_d	C_{BOD5} skont 2.4


Il-fażijiet ta' tagħbija speċjali ta' tagħbija eċċessiva, tagħbija nieqsa u operazzjoni f'modalità "Stand-by" għandhom jitwettqu wara xulxin mingħajr interruzzjoni; il-fażi tat-tagħbija normali għandha tinqasam f'diversi fażijiet parzjali. It-test għandu jibda u jintemm b'fażi ta' tagħbija normali, b'tul ta' mill-anqas ħamest ijiem f'kull każ.

Għandhom jiġu ssettjati idrogrammi tal-alimentazzjoni idrawlika, skont it-tħaddim speċifikat tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord. L-idrograf tal-alimentazzjoni idrawlika ta' kull ġurnata għandu jintgħażel skont il-kunċett tat-tħaddim tal-impjant għall-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord. Għandha ssir distinzjoni skont jekk l-impjant tat-trattament abbord għandux jitħaddem b'tank tal-ħżin tad-drenaġġ fi ħdanu jew mingħajru. L-idrografi tal-alimentazzjoni (idrografi ta' kull ġurnata) huma murija fil-Grafika 1 u fil-Grafika 2.

Tul il-perjodu sħiħ tat-test, id-dħul ta' kull siegħa jrid jibqa' kostanti. Ir-rata ta' fluss volumetriku medju ta' drenaġġ kull siegħa $Q_{h,mean}$ hija ekwivalenti għal 1/24 tat-tagħbija idrawlika ta' kuljum skont it-Tabella 1. Id-dħul għandu jitkejjel b'mod kontinwu mis-servizz tekniku. L-idrogramma ta' kuljum trid tinżamm f'tolleranza ta' ± 5 %.


Grafika 1

Idrogramma ta' kuljum għall-alimentazzjoni ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord b'tank tal-ħżin tad-drenaġġ fi ħdanu



Grafika 2

Idrogramma għall-alimentazzjoni ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord mingħajr tank tal-ħżin tad-drenaġġ fi ħdanu



3.2. **Interruzzjoni jew kanċellazzjoni tat-test**

Jista' jkun meħtieġ li jiġi interrott it-test jekk l-impjant ma jkunx jista' jitħaddem sewwa aktar minħabba qtugħ fl-elettriku jew il-funzjoni ħażina ta' submuntatura. It-test jista' jiġi interrott għat-tul tat-tiswija. F'każijiet bħal dawn ma jkunx hemm bżonn jiġi ripetut it-test kollu, iżda l-fażi tat-tagħbija biss li fiha tkun seħħet il-funzjoni ħażina tas-submuntatura.

Wara li t-test jiġi interrott għat-tieni darba, is-servizz tekniku għandu jiddeċiedi jekk it-test ikunx jista' jitkompla jew ikunx irid jiġi kkanċellat. Ir-raġuni għad-deċiżjoni trid tiġi ddikjarata u dokumentata fir-rapport dwar it-test. Jekk it-test jiġi kkanċellat, huwa jrid jiġi ripetut b'mod sħiħ.

3.3. **Eżamijiet tal-effiċjenza tat-tisfija u konformità mal-valuri tal-limitu tal-ħruġ**

Is-servizz tekniku għandu jieħu kampjuni mid-dħul għall-impjant tat-test u janalizzahom sabiex jikkonferma l-konformità mal-karatteristiċi tad-dħul. Għandhom jittieħdu kampjuni tad-drenaġġ mill-ħruġ tal-impjant tat-test u jiġu analizzati sabiex tiġi stabbilita l-effiċjenza tat-tisfija u l-konformità mal-valuri tal-limitu meħtieġa tal-ħruġ. Il-kampjunar imwettaq għandu jinkludi kemm kampjuni aleatorji sempliċi kif ukoll kampjuni komposti ta' 24 siegħa. Fil-każ tal-kampjuni komposti ta' 24 siegħa, jista' jitwettaq jew ġbir tal-kampjuni proporzjonali mal-ħin jew ġbir tal-kampjuni proporzjonali mal-fluss. It-tip ta' kampjun kompost ta' 24 siegħa għandu jiġi speċifikat mill-korp ta' spezzjoni. Il-ġbir tal-kampjuni fid-dħul u fil-ħruġ għandu jitwettaq fl-istess ħin u fl-istess livell.

Minbarra l-parametri ta' kontroll BOD_5, COD u TOC, għandhom jitkejlu l-parametri li ġejjin għad-dħul u l-ħruġ sabiex jiġu deskritti u rappreżentati l-kundizzjonijiet ambjentali u tat-test:

(a) is-solidi li jistgħu jitneħħew b'filtrazzjoni (SRF);

(b) il-pH;

(c) il-konduttività;

(d) it-temperatura tal-fażijiet likwidi.

L-għadd ta' eżamijiet ivarja skont il-fażi rilevanti ta' tagħbija u huwa stabbilit fit-Tabella 2. L-għadd ta' teħid tal-kampjuni jirrigwarda d-dħul jew il-ħruġ tal-impjant tat-test.

Tabella 2

Speċifikazzjoni tal-għadd u l-perjodu ta' żmien tal-kampjuni meħuda fid-dħul u fil-ħruġ tal-impjant tat-test

Fażi ta' tagħbija	Għadd ta' ġranet tat-test	Għadd ta' kampjuni	Speċifikazzjoni tal-perjodu ta' żmien tat-teħid tal-kampjuni
Tagħbija normali	20 jum	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa: 8 Kampjuni aleatorji: 8	Teħid ta' kampjuni f'intervalli regolari matul il-perjodu
Tagħbija żejda	3 ijiem	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa: 2 Kampjuni aleatorji: 2	Teħid ta' kampjuni f'intervalli regolari matul il-perjodu
Tagħbija nieqsa	3 ijiem	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa: 2 Kampjuni aleatorji: 2	Teħid ta' kampjuni f'intervalli regolari matul il-perjodu
Modalità "Stand-by"	4 ijiem	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa: 2 Kampjuni aleatorji: 2	Kampjun kompost ta' 24 siegħa: Teħid ta' kampjun wara li jinxtegħel id-dħul u 24 siegħa wara. Kampjun aleatorju: siegħa wara li jinxtegħel id-dħul u 24 siegħa wara.

Għadd totali ta' kampjuni komposti ta' 24 siegħa: 14.
Għadd totali ta' kampjuni aleatorji: 14.

Fejn applikabbli, għandhom jitkejlu wkoll il-parametri tat-tħaddim li ġejjin mill-kampjuni aleatorji meħuda:

(a) il-konċentrazzjoni ta' ossiġnu maħlul fil-bijoreattur;

(b) il-kontenut ta' materja niexfa fil-bijoreattur;

(c) it-temperatura fil-bijoreattur;

(d) it-temperatura ambjentali;

(e) parametri oħra tat-tħaddim skont l-istruzzjonijiet għat-tħaddim ipprovduti mill-manifattur.

3.4. **Evalwazzjoni tal-eżamijiet**

Sabiex tiġi dokumentata l-effiċjenza determinata tat-tisfija u sabiex tiġi ċċekkjata l-aderenza mal-valuri tal-limitu tal-proċessi, għandhom jiġu speċifikati l-valur minimu tal-kampjun (Min), il-valur massimu tal-kampjun (Mass) u l-medja aritmetika (Medja) kif ukoll ir-riżultati tal-kejl individwali għall-parametri ta' kontroll BOD_5, COD u TOC.

Il-fażi tat-tagħbija għandha tingħata wkoll il-valur massimu tal-kampjun. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu għall-fażijiet kollha tat-tagħbija b'mod konġunt. Ir-riżultati għandhom jiġu proċessati kif jidher fit-tabella li ġejja:

Tabella 3a

Speċifikazzjoni għall-ipproċessar statistiku tad-dejta miġbura — evalwazzjoni sabiex tiġi dokumentata l-konformità mal-valuri tal-limitu tal-ħruġ

Parametru	Tip ta' teħid ta' kampjuni	Għadd ta' testijiet li jilħqu l-valuri tal-limitu	Medja	Min	Mass	
					Valur	Fażi
BOD_5 fid-dħul	kampjuni komposti ta' 24 siegħa	— [1]				
BOD_5 fil-ħruġ	kampjuni komposti ta' 24 siegħa					
BOD_5 fid-dħul	kampjuni aleatorji	—				
BOD_5 fil-ħruġ	kampjuni aleatorji					
COD fid-dħul	kampjuni komposti ta' 24 siegħa	—				
COD fil-ħruġ	kampjuni komposti ta' 24 siegħa					
COD fid-dħul	kampjuni aleatorji	—				
COD fil-ħruġ	kampjuni aleatorji					
TOC fid-dħul	kampjuni komposti ta' 24 siegħa	—				
TOC fil-ħruġ	kampjuni komposti ta' 24 siegħa					
TOC fid-dħul	kampjuni aleatorji	—				
TOC fil-ħruġ	kampjuni aleatorji					
SRF fid-dħul	kampjuni komposti ta' 24 siegħa	—				
SRF fil-ħruġ	kampjuni komposti ta' 24 siegħa					
SRF fid-dħul	kampjuni aleatorji	—				
SRF fil-ħruġ	kampjuni aleatorji					

[1] L-ebda valuri tal-limitu għad-dħul.

Tabella 3b

Speċifikazzjoni għall-ipproċessar statistiku tad-dejta miġbura — evalwazzjoni sabiex tiġi dokumentata l-effiċjenza tat-tisfija

Parametru	Tip ta' kampjunar	Medja	Min	Mass
Effiċjenza tal-eliminazzjoni BOD_5	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa			
Effiċjenza tal-eliminazzjoni BOD_5	Kampjuni aleatorji			
Effiċjenza tal-eliminazzjoni COD	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa			
Effiċjenza tal-eliminazzjoni COD	Kampjuni aleatorji			
Effiċjenza tal-eliminazzjoni TOC	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa			
Effiċjenza tal-eliminazzjoni TOC	Kampjuni aleatorji			
Effiċjenza tal-eliminazzjoni SRF	Kampjuni komposti ta' 24 siegħa			
Effiċjenza tal-eliminazzjoni SRF	Kampjuni aleatorji			

Il-parametri li jifdal skont 3.3(b) sa (d) u l-parametri tat-tħaddim skont 3.3 għandhom jiġu ppreżentati fil-qosor f'Tabella li tispeċifika r-riżultat minimu tal-kampjun (Min), ir-riżultat massimu tal-kampjun (Mass) u l-medja aritmetika (Medja).

3.5. **Konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu 14a**

Il-valuri tal-limitu skont l-Artikolu 14a.02(2) Tabelli 1 u 2 għandhom jitqiesu li ġew irrispettati, meta kull valur għall-parametri COD, BOD_5 u TOC:

(a) il-valuri medji mit-total ta' 14-il kampjun tal-ħruġ, u

(b) mill-anqas 10 mit-total ta' 14-il kampjun tal-ħruġ ma jaqbżux il-valuri tal-limitu speċifikati għall-kampjuni komposti ta' 24 siegħa u għall-kampjuni aleatorji.

3.6. **Tħaddim u manutenzjoni waqt l-ittestjar**

Matul il-ħin kollu tal-ittestjar, l-impjant tat-test għandu jitħaddem skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur. Il-kontrolli ta' rutina u x-xogħol ta' manutenzjoni għandhom jitwettqu f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur għat-tħaddim u l-manutenzjoni. Il-ħama żejjed iġġenerat mill-proċess tat-tisfija bijoloġika jista' jitneħħa mill-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord biss jekk dan ikun speċifikat mill-manifattur fl-istruzzjonijiet tiegħu għat-tħaddim u l-manutenzjoni. Ix-xogħlijiet kollha ta' manutenzjoni li jitwettqu għandhom jiġu rreġistrati mis-servizz tekniku u dokumentati fir-rapport dwar it-test. Waqt it-test, l-ebda persuna mhux awtorizzata ma jista' jkollha aċċess għall-impjant tat-test.

3.7. **Analiżi tal-kampjuni / metodu tal-analiżi**

Il-parametri li għandhom jiġu studjati għandhom jiġu analizzati bl-użu ta' proċeduri standard approvati. Għandha tiġi speċifikata l-proċedura standard applikata.

4. RAPPORT DWAR IT-TEST

4.1. Il-korp ta' spezzjoni huwa meħtieġ li jikkompila rapport dwar it-test tat-tip li jkun wettaq. Ir-rapport għandu mill-anqas jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) dettalji dwar l-impjant ittestjat, pereżempju t-tip tiegħu, informazzjoni dwar it-tagħbija nominali ta' kuljum ta' sustanzi li jniġġsu u l-prinċipji tad-dimensjonar applikati mill-manifattur;

(b) informazzjoni dwar il-konformità tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord ittestjat, mad-dokumentazzjoni pprovduta qabel l-ittestjar;

(c) informazzjoni dwar riżultati ta' kejl individwali, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-effiċjenza tat-tisfija tal-impjant u l-konformità mal-valuri tal-limitu meħtieġa tal-ħruġ;

(d) dettalji dwar it-tneħħija tal-ħama żejjed, bħad-daqs tal-volumi mneħħija u l-frekwenza tat-tneħħija;

(e) informazzjoni dwar ix-xogħol kollu ta' tħaddim, manutenzjoni u tiswija mwettaq waqt l-ittestjar;

(f) informazzjoni dwar kwalunkwe deterjorament fil-kwalità tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord li jkun seħħ waqt l-ittestjar kif ukoll dwar kwalunkwe interruzzjoni tal-ittestjar;

(g) informazzjoni dwar kwalunkwe problema li tinqala' waqt l-ittestjar;


(h) lista ta' persuni responsabbli involuti fl-ittestjar tat-tip tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ abbord, billi jingħataw l-ismijiet u t-titli tax-xogħol tagħhom;

(i) l-isem u l-indirizz tal-laboratorju li wettaq l-analiżi tal-kampjuni tad-drenaġġ;


(j) il-metodi ta' analiżi li ġew applikati.

Eżempji tas-sekwenzi tat-test

Eżempju 1



Eżempju 2



DE	MT
Normallast	Tagħbija normali
Überlast	Tagħbija żejda
Unterlast	Tagħbija nieqsa
Stand By	Modalità 'Stand-by'
Hydraulische Belastung Q_d	Tagħbija idrawlika Q_d
Tag	Jum

Noti dwar l-istabbiliment tad-domanda bijoloġika għall-ossiġnu wara ħamest ijiem (BOD_5) f'kampjuni komposti ta' 24 siegħa

L-Istandards Internazzjonali ISO 5815 u 5815-2: 2003 jistipulaw li sabiex titwettaq l-analiżi biex tiġi stabbilita d-domanda bijokimika għall-ossiġnu wara ħamest ijiem, il-kampjuni tal-ilma għandhom jinħażnu immedjatament wara t-teħid tal-kampjuni u sal-mument tal-analiżi fi flixkun mimli sax-xifer, issiġillat tajjeb, f'temperatura ta' 0–4 °C. Il-proċess sabiex tiġi determinata l-BOD_5 għandu jinbeda kemm jista' jkun malajr jew tal-anqas fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mit-tlestija tat-teħid tal-kampjuni.

Sabiex jiġi evitat li jibdew proċessi ta' degradazzjoni bijokimika fil-kampjun kompost ta' 24 siegħa, fil-prattika l-ilma jitkessaħ sa massimu ta' 4 °C filwaqt li jitkompla t-teħid tal-kampjuni, u jinħażen f'din it-temperatua ladarba jintemm il-proċess tat-teħid tal-kampjuni.

Tagħmir xieraq għat-teħid tal-kampjuni huwa disponibbli b'mod kummerċjali."